# "IL-GHID TAŻ-ŻGHOŻIJA"

## TA' ĠORĠ PISANI

*Inġibu bil-qalb, u fuq il-qalb, dan l-artiklu tal-poeta Vassallo; bil-qalb għax nieħdu pjaċir bi studji letterarji kif ukoll biex inħallu l-qarrejja tagħna jgħidu fejn ma jaħsbuhiex bħalna, fuq il-qalb għax dan l-artiklu mimli b'ħafna osservazzjonijiet barra minn lokhom li jaħlulna biċċa sewwa mill-wisa' ta' dal-ġurnal li konna neħtiġuh għal kitbiet oħra. (L-Editur.)*

Bi studju qabel tal-Prof. G. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.), l-ewwel ġabra ġawhar ta' għana Malti li Ġorġ Pisani tana m'ilux laqgħitna u ferrħitna mhux ftit. Laqtitna, għax tilma u tiddi bħal damma ġawhar mill-ifjen. Ferħitna, għax fiha sibna l-veru "għid taż-żgħożija". Li Ġorġ Pisani, imbagħad, hu poeta żagħżugħ mit-tajbin nett, nemmnu u nħossu fija jien innifsi daqskemm iħossu kull min innexxielu jaqra, jixtarr u jifhem bħali l-poeżija tiegħu—frott ta' studju u ta' tiġrib, ta' twemmin u ta' mħabba.

Fost il-poeti żgħażagħ sħabu ta', bejn wieħed u ieħor, l-istess snin, l-istess sentimenti u l-istess mentalità, li Ġorġ Pisani ma jitqarraqx għal kollox min igħoddu u jqisu (flimkien ma' Dr. Rużar Briffa) bħala eċċezzjoni tar-regola. Għax fil-waqt li t-tnejn l-oħra — li miegħu jagħmlu u jsawru t-"Trijumvirat tal-Poeżija Żagħżugħa Maltija"—u, flimkien ma' dawn, il-biċċa l-kbira tal-bqija, telgħu, issajru u sefgħu poeti *gradatim*, Pisani wera ruħu poeta magħmul *repente*. Iżda ġara li tmiem ix-xrara u l-lehma poetika tiegħu kellu jseħħ *bikri* daqskemm kien *imwaħħar* il-*bidu* ta' tisjir il-frott poetiku taż-żewġ poeti l-oħra sħabu. Dawn bdew bil-qajla l-qajla, issoktaw jitilgħu 'l fuq bil-mod il-mod, u għadhom sal-lum mixjin fil-qasam tal-Mużi bit-tama li jżidu jaqtgħu dejjem iżjed 'il quddiem; fil-waqt li dak fetaħ u xegħel f'daqqa u daqshekk ieħor malajr ingħalaq fih innifsu mal-i l-musbieħ tal-għana tiegħu ntfielu *bl-irwiefen u bl-irjieħ tal-propaganda*!

B'daqshekk il-poeżija ta' Ġorġ Pisani xejn ma titlef mis-siwi artistiku, letterarju, tekniku u morali tagħha. Ġorġ Pisani jibqa' dejjem *poeta de facto et de iure;* poeta mill-aqwa u mill-aħjar; poeta l-rikament storiku, politiku, erotiku. B'danakollu jien nissogra nipprofetizza u ngħid li minn qalbu ma joħorġu qatt iżjed, kemm idum ħaj, poeżijiet oħra kbar, ġenwini, qawwijin u oriġinali bħal dawk li kiteb meta kien għadu fi ħdan il-kunvent jew barra mill-kunvent fi żmien il-paċi.

B'xorti ħażina għalih u għal Malta Letterarja, din il-gwerra biddlet lil Ġorġ Pisani minn *poeta-sultan* fi *propagandista-qaddej* — qaddej ta' żminijiet koroh u ta' ċirkustanzi suwed li f'għajnejja kienu jidhru mhux biss egħdewwa, imma wkoll tradituri, ta' kull idijal għoli, nobbli u poetiku. Jiena nħoss fis-sewwa u rrid bil-ħaqq kollu nemmen li kullma għamel l-awtur saħħâr ta' *Haġar Qim* u ta' *Il-Ġgantija t'Għawdex* ma' tul dawn l-aħħar sitt snin ta' gwerra, ma għamlux *bilfors* minn qalbu, imma għamlu *aktarx* kontra qalbu—*invita Minerva*—kif ġralu u ħtieġlu jagħmel fi żmienu Vincenzo Monti (1754-1828).

Hassejtni sodisfatt u fraħt ġo qalbi meta sibt u rajt li kullma fissirt jien fl-aħħar ktieb ta' poeżiji tiegħi *Kwiekeb ta' Qalbi*, issokta saħħu u seddqu l-Professur Aquilina bil-kelmtejn tiegħu dwar *Il-Għid taż-Żgħożija*

ta' Ġorġ Pisani. Għax ħadd ma jista' jiċħad illi l-poeżiji u s-sinċerità huma żewġ għodod kumplimentari, jiġifieri l-waħda ma tgħaddix mingħajr l-oħra.

Fuq din il-prerogativa jew, aħjar, karatteristika, jiġifieri s-*sinċerità*, hekk kont ktibt jien fil-"Kelmtejn Qabel" tal-ktieb tiegħi, *Kwiekeb ta' Qalbi*: "Billi jien f'għanjieti dejjem fittixt u rajt li nkun sinċier għal kollox (għax is-sinċerità fil-poeżija lirika hi waħda mill-elementi u missisien indspensabbl tagħha), ġara għalhekk li l-għanja tiegħi ma baqgħetx dejjem l-istess waħda; imma ġarrbet it-taqlib u t-tibdil kollu li ġarrabt jien innifsi mindu bdejt nikteb l-ewwel darba sal-ġurnata tal-lum. Għax jien u l-poeżija tiegħi m'aħniex aħwa; m'aħniex il-persuna u dellha jew xbihetha; m'aħniex il-ġisem u r-ruħ fi bniedem wieħed: jien u hi ħaġa waħda, l-istess ħaġa—*unum atque idem*." U l-Professur Aquilina, minnaħa tiegħu, f'*Il-Għid taż-Żgħożija* ta' Ġorġ Pisani, kiteb hekk: "L-ewwel ħaġa fil-bini tal-poeżija, kif ukoll ta' kull xogħol ieħor fl-Arti, hi s-*sinċerità*, sinċerità jiġifieri rifless tal-ħajja ġewwenija tal-poeta; u hekk nistgħu ngħidu li poeżija tajba hi l-mera li tittawwal fiha ruħ il-poeta. U aktar ma dil mera tkun tajba u sħiħa, aktar tibqa' ċara u ma tiddennes qatt, għalkemm igħaddu s-snin il-kbar minn fuqha. Iżda meta l-poeżija mhix ġenwina, din tkun tixbah lil biċċa ħġieġa matta li ma turik xejn sewwa jonkella, agħar, tqarrqek b'ħafna tagħwiġ ta' illużjonijiet ottiċi."

Issa, dak li ridt nipprova nuri u nfisser jien hawnhekk hu sewwa sew illi, kif stqarr wisq tajjeb il-Professur Aquilina, it-*tielet fażi* ta' ħajjet il-poeta ħelu ta' Għawdex (jiġifieri ħajtu barra mill-kunvent fi żmien il-gwerra) hi "l-ifqar fażi", "fażi artistikament mejta", billi fiha u ma' tulha "ruħu donnha tbattlet mill-motivi poetiċi". Naqbel għal kollox mal-Professur li jammetti u jara kemm kienet tabilħaqq "għammiela u varja l-ewwel u t-tieni fażi ta' Pisani"; u nissokta nżid naqbel miegħu meta jgħid illi "fit-tielet fażi, il-fażi tal-gwerra, insibu li l-għana naqaslu bħal ġelġul ilma li jaqta' ftit ftit sa ma jeqaf f'daqqa."

U għaliex naqaslu l-għana? Għaliex, xorta waħda bħal ġelġul ilma, beda l-għana jaqtagħlu ftit ftit sakemm spiċċa biex waqaflu għal kollox? Mhux għax naqsitu qabel, jew f'ħin wieħed, is-sinċerità? Li kieku ma naqsitux is-sinċerità, kif qatt ken jasal biex jarġa' lura u jaqta' qalbu minn triqtu min għanna b'leħen għoli:

*Vili min jerġa' lura,*
*Min jibża' li sa jmut?*

X'sinċerità sata' kellu f'qalbu u f'ruħu min, wara li ħeġġeġ lil sħabu b'dawn il-versi tan-nar—

*'Il fuq, 'il fuq, ja żgħażagħ,*
*'Il fuq, 'il fuq, il-qlub,*
*Bil-qawwa ta' l-iljuni,*
*Bil-qilla ta' l-ilpup —*

hu nnifsu fl-istess ħin ċieda l-armi biex safa' f'daqqa waħda megħlub u mirbuħ minn:

*Il-hemm, id-dieq, id-dmugħ,*
*In-nasba tal-mibegħda,*
*Il-għira minn tax-xjuħ?*

Taħsbu li dawn il-versi ħarġu minn qalb poeta li tabilħaqq ħassithom? Jidhrilkom li min nisiġhom, kellu new u sinċier? Ma jagħtukomx taħsbu li bihom l-awtur xejn ma fehem jagħmel għajr biċċa propaganda fiergħa? Versi, iva, sbieħ u mexxejja kemm tridhom; versi qawwijin, mimlija u marzjalment ferrieħa; imma versi daqshekk ieħor artifiċjali u bla ruħ għax ħerġin mill-bruda tal-moħħ u mhux mis-sħana ta' qalb li taf tassew tħoss u tħeġġeġ! Versi li jien fil-qiegħ tal-kuxjenza tiegħi nħoss li għandi nxebbahhom u nqabbilhom ma' xi whud minn dawk ta' Vincenzo Monti li għalihom Francesco De Sanctis uża l-frażi, il-lum proverbjali, *belletti di cadavere*!

* * *

Dak li għadni kemm tarraft fuq il-*brindisi* jew *ditiramb* imgħammed "Il-Għid taż-Żgħożija" (illi kieku minfloku l-awtur ħażżiżilna daqsxejn ta' *nenja* jew *eleġija* bl-isem ta' "Il-Mewt tas-Sinċerità", konna nxerrdu dmugħ inqas milli xerridna fuq qabar il-għid ta' żgħożitu), u la jgħodd u lanqas jaqbel għall bqija tal-poeżijiet ta' Ġorġ Pisani. Iżda qabel ma naqilbu l-folja u nirfsu u ndoqqu nota ġdida, aħna rridu nemmnu li l-poeta ħelu Għawdxi—li ma naqasx jixrob hu wkoll mill-iżventuri koroh tagħna nfusna—jibki u jisħet xejn anqas xogħ u milli beka u seħet l-*Italia liberata dai Goti* tiegħu Gian Giorgio Trissino (1478-1550), bil-versi li għadhom magħrufin sal-lum:

*Maledetta sia l'ora e il giorno quando*
*Presi la penna e non cantai d'Orlando.*

Għadni kif ħbatt nissogra nsejjaħ u ngħodd lil Ġorġ Pisani *żventurat* bħali nnifsi. U issa la ħsilt għidtha, ma jidhirlix li għandi nreġġagħha lura. Għax hi aktar minn verità sħiħa illi kull min hu *poeta veru*, swat u għaks u żebliħ hemm għalih ma' tul ħajtu. Tassew, il-vers filosofiku u minnu ta' dak il-pessimista żventurat minn Recanati—

*Virtù viva sprezziam, lodiamo estinta.* —

u la Pisani u lanqas jien ma niċħduh. Għax hekk hu tabilħaqq! U jekk s'issa jien u hu mitna biss bħala poeti, għad jonqosna mmutu darba għal dejjem bħala bnedmin, biex dawk ta' warajna jkunu jistgħu jixhdu minflokna jekk hix minnha jew le l-aħħar taqsima tal-vers li ma jmut qatt ta' Giacomo Leopardi (1798-1837).

Kull min, sa ftit qabel ma laħaq wasal miegħi għal din il-konklużjoni ta' *apoteosi*, ħaseb jew deherlu li bejni u Pisani kien hemm xi għira jon-kella, wisq agħar, xi nfexin ta' mibegħda, issa ntebaħ u ra bil-ċar li dik tiegħu kien t ħolma qarrieqa. Iżda forsi għadu ma intebaħx illi jekk jien, f'dan id-daqsxejn ta' studju psikiku-analitiku-kritiku, inqdejt b'xi kliem ftit ikbes kontra n-nuqqas ta' sinċerità li jidher li hemm fil-*brindisi* ta' Pisani, dan jen għamltu sewwa sew bex narġa' nqajjem u nagħti l-ħajja lil-ispirtu mejjet ta' dan il-poeta li għamel ġieh, u mhux ġieh żgħir, lil Malta Letterarja. U biex nuri hawnhekk kemm tabilħaqq Ġorġ Pisani mhux poeta komuni u ċkis, m'iniex ser noqgħod naħsibha darbtejn qabel ma nidħol f'kontroversja mal-Professur Aquilina, ħabib tiegħi hu wkoll sa minn meta kien għadu fl-ewwel snin ta' l-istudentat universitarju tiegħu.

Igħid dan il-Professur, fil-kelmtejn qabel tiegħu dwar id-damma poeżiji ta' Pisani, illi "għalkemm ma nіċħdux il-ġmiel u s-sengħa, m ll-għażla ta' suġġetti li għanna l-poeta naraw li, bħal poeti oħra Maltin, barra Dun Karm, Pisani hu limitat ħafna." Fuq din il-frażi, *limitat ħafna*, hu ħsieb u xewqa tiegħi li niżżarġan ftit. Xi jfisser biha sewwa din il-frażi, il-Professur iżid igħidulna aktar 'l isfel, i.e.: "Id-dawra ta' ħsebijietu u t-tqanqiliet tiegħu mhi xejn wiesgħa. Fil-poeżija tiegħu ma nsibu xejn mill-motivi intellettwali jew dwal ta' intwizzjonijiet u assoċjazzjonijiet li għamlu kbira l-poeżija ta' Shelley, ta' Keats, ta' Carducci, ta' Leopardi u poeti oħra kbar tad-dinja." U jġibilna ta' dan din ir-raġuni: "illi l-poeta Malti, bħall-Maltin l-oħra, mhux bniedem li jaqra ħafna u jinteressa ruħu fil-problemi soċjali, kulturali u intellettwali ta' l-Ewropa."

L-ewwelnett nixtieq nibda biex nistaqsi lill-Professur Aquilina x'ġid u x'fejda jista' jkun hemm għall-ġnus ta' l-Ewropa jekk u meta poeżija lirika, jonkella poema, bil-Malti tkun tħaddan fiha wesgħa ta' valuri kulturali jew soċjali u mqar intellettwali bħalma tagħmel il-poeżija ta' Shelley u ta' Keats, ta' Carducci u ta' Leopardi? (1). Nixtieq nistaqsih ukoll kif u b'liema mod tista' l-poeżija ġewwenija tagħna, kbira u għolja kemm tkun, tilħaq dak il-bogħod u tikseb dak l-isem li laħqet u kisbet il-poeżija tajba Ingliża jew Taljana? Nisthajlu jweġibni u jgħidli:—Naqilbuha mill-Malti għall-Ingliż, għat-Taljan, għall-Franċiż jew Spanjol! (2). U nagħmlu mod li naqilbuha, x'jiġri? L-ewwelnett, flok ma biċċa xogħol letterarja jew poetika toqgħod taqlibha f'ilsien ieħor mill-oriġinal, aktar jaqbillek tħażżiżha b'dak l-ilsien barrani mill-ewwel. U t-tieni, imbagħad, ser jasal xogħolna jewwilla biex igħaġġeb u jsaħħar bi ġmielu lil din jew dik in-nazzjon li tisboq 'l artna sew f'dak li hu kobor materjali jew estensiv, kemm f'dak li hu kobor kulturali, soċjali u x'naf jien? (3).

Haġ'oħra. Il-Professur Aquilina jaf bħali u daqsi, biex ma ngħidx wisq iżjed minni, illi l-iskular Malti għandu fih dik il-qawwa u l-ħila (li jitwieldu miegħu) li jaqra u jikteb tajjeb ġmielu sew bl-Ingliż u kemm bit-Taljan, biex ma nżidx ukoll bil-Franċiż u b'xi ilsna oħra magħrufa Ewropej. Issa, kull Malti li jaf jaqra u, jew, jikteb b'ilsna oħra popolari Ewropej, jippreferixxi *wisq drabi* (kont ser ingħid, *dejjem*) jixtieq u jtiegħem xogħlijiet kbar letterarji barranin kif ħażżewhom u kitbuhom *oriġinalment* l-awturi rispettivi tagħhom. Terġa', dawk kollha—jew kważi kollha—fost ħutna li draw u għadhom imdorrijin jaqraw jew jistudjaw kotba letterarji ta' poeżija jew ta' proża f'ilsna barranin Ewropej, u li

---

*(1) Osservazzjoni barra minn lokha. Kieku biss, l-iskop kien ikun li x-xogħol letterarju għandu jkun tajjeb għalih innifsu u fih innifsu biex dawk il-Maltin imdorrijin jaqraw letteratura għolja tal-barranin jibdew iħobbu l-kobor u l-ġmiel tal-letteratura tagħna wkoll.*

*(2) Osservazzjonijiet barra minn lokhom.*

*(3) Hekk J. B. Yeats fl-1917 kiteb lil ibnu W. B. Yeats, wieħed mill-ikbar poeti ta' żmienna: "I wonder whether the revolution and the creation of a democracy will destroy Russian literature. I wonder, also, whether it was not the smallness of Athens and the mere minuteness of its public affairs which explains the greatness of its literature."*

għalhekk jafu tajjeb biżżejjed kemm u xi jsarrfu dawn f'dak li hu mertu, preġju, medda jew wesgħa ta' valuri intellettwali, kulturali u soċjali, m'hum'ex ser joqogħdu jħabblu rashom jew jintilfu wara biċċa xogħol letterarja tradotta minna b'dak l-ilsien barrani li warajh inkarmu (4). Mill-banda l-oħra, ġnus kbar barranin u evoluti wisq aktar minna sew f'dak li hu tagħlim (edukazzjoni) kemm f'dawk li huma liġijiet jew riformi soċjali, ekonomiċi u politiċi, mhumiex qegħdin jistennew la bil-paċenzja u lanqas mingħajrha li jaħtfu u jibilgħu xogħlijietna letterarji (5). Barra minn dan, il-poeta jew ir-rumanzier Malti qatt mhu ser jasal biex irodd biċċa xogħol letterarja hekk kbira u tal-għaġeb li *l-Malti Intelliġenti* li jaqraha jispiċċa biex iżommha bħala *kodiċi* jew *norma* ta' ħajtu aktar minn l-aqwa biċċa xogħol li jkun qara jew studja qabel f'ħajtu b'ilsien ieħor (6).

Iżid u jissokta jisħaq il-Professur għaqli tagħna illi "maqtugħ għalih waħdu, mingħajr tradizzjoni letterarja Maltija, maħkum l-aktar minn xi diwi ta' poeti Taljani, ta' sekli oħra, il-poeta Malti bħal qarnita jdur għal subgħajh u jerda' minnu nnifsu." Hekk hu tassew; u aktar minn hekk. U dan il-fatt, naħseb, ma jista' jiċħdu ħadd. B'danakollu, l-istess fatt fih innifsu, li hu aktar milli ta' min jibkih, mhux argument qawwi u sħiħ biżżejjed li jista jwassalek jonkella jġagħlek, biex tlum lil Pisani u lill-poeti l-oħra tajba Maltin talli kienu u baqgħu daqshekk xortihom ħażina li ma wirtu ebda tradizzjoni ta' kultura u ta' letteratura tradizzjonali minn għand dawk li għexu qabilhom (7). Il-ħtija mhix tal-poeti jew tal-kittieba tagħna tal-lum. Il-ħtija hi kollha kemm hi ta' xi ħaddieħor li għex qabilna; tan-nuqqas ta' edukazzjoni li kien imisshom tawna l-ħakkiema taparsi demokratiċi tagħna; tan-nuqqas ta' patrjottiżmu veru li sikwit niftaħru bih bla ma nafu biss f'hiex għandu jikkonsisti bil-fatti. U għalhekk il-frażi *limitat ħafna*, fil-fehma dgħajfa tiegħi, xejn ma hi frażi loġika u *ad hoc*.

Il-Professur Aquilina jkompli jidħol aktar 'il ġewwa wkoll sa ma, bħala għeluq u rabta taż-żewġ premessi tas-silloġiżmu tiegħu, iwassalna biex nifhmu kif Ġorġ Pisani (u miegħu kull poeta Malti ieħor) m'għandux motivi poetiċi kbar u kotrana u għalhekk l-għana tiegħu ma jirriflettix għajr intellettwalità dgħajfa mibnija u msejsa fuq ftit suġġetti tal-wiċċ il-wiċċ. U biex isaħħaħ tmiem l-argument tiegħu, il-Professur jikkonkludi hekk: "Biżżejjed tqabbel il-motivi mħallta li qanqlu qalb Shelley, il-kotra ta' poeżijiet u poemi li ġelglu minn qalbu bħal widien fil-għomor żgħir ta'

*(4) Osservazzjonijiet mhux maħsuba għax mhumiex imqanqlin minn osservazzjonijiet tiegħi. Fil-kitba jeħtieġ inżommu linja li ma naqbżux barra minnha.*

*(5) Intennu dak li għedna fin-nota (1). Il-letteratura ta' pajjiż mhix bil-fors għall-esportazzjoni bħall-merkanzija. Dante u Shakespeare wkoll kienu jkunu kbar imqar li ma kenux magħrufa barra minn pajjiżhom.*

*(6) Ħafna kliem bi ftit sens żbaljat u barra minn loku!*

*(7) L-aħjar kotba tad-dinja jistgħu jinxtraw Malta u jinqraw b'daqsxejn ta' melħ u bżulija, u min irid jista' jissellifhom mill-Bibljoteki.*

tletin sena biex wieħed jara d-differenza." Għandu raġun biex ibgħ u jxtri! Iżda jien, fix-xejn taċ-ċokon intellettwali u kulturali tiegħi, barra milli fit-tqanqiliet u fil-produzzjoni letterarja ta' Shelley kif xtâqna nqabbluhom il-Professur ma' dawk ta' Pisani u ta' kull poeta Malti ieħor, nara u nifhem u nħoss illi d-*differenza* qiegħda u tinsab xi mkien ieħor ukoll. L-ewwel differenza, li kieku kont minfloku, jien kont nagħmilha bejn pajjiż jew nazzjon u ieħor: nara x'differenza tgħaddi bejniethom f'dik li hi medda jew firxa ta' territorju; f'dak li hu għadd ta' popolazzjoni; f'dik li hu qasam ekonomiku, pulitiku, industrijali u kummerċjali; f'dik li hi edukazzjoni, saħħa u evoluzzjoni tal-pajjiż; f'dak li hu ambjent, drawwiet, sentimenti, reliġjon, liġijiet soċjali, klima, temperament, u x'naf jien (8). It-tieni differenza kont nipprova nagħmilha bejn persuna u oħra, bejn idijal u ieħor, bejn ċirkustanzi u ċirkustanzi. Kif nistgħu qatt inqabblu poeta Malti tal-lum, bħalma hu ngħidu aħna Ġorġ Psani, ma' poeta Ingliż, bħalma hu Shelley, li ilu mejjet aktar minn 120 sena, fejn il-ħajja, l-ambjent, ir-reliġjon u ċ-ċirkostanzi tal-wieħed m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' ta' l-ieħor? It-tielet u l-aħħar differenza (u din hija l-aqwa fost il-bqija) kont nagħmilha fil-fatt li Malta—gżira ċkejkna m qtugħa għaliha waħedha fil-qalba u fiċ-ċentru tal-Baħar Nofsani, b'is-sien tagħha ta' nisel għal kollox Semitiku u li biż-żmien u mal-mixja ta' l-istorja nfirex u tħallat ma' kliem ieħor aktar modern ta' xejra Romanza, b'reliġjon Kattolika, Apostolika, Rumana li hi dejjem żammet u baqgħet tgħożż ma' tul medda ta' kważi elfejn sena, u fl-aħħarnett gżira, li għalkemm qatt ma tilfet, imma dejjem kellha jaħkmuha l-akbar u l-egħref ġnus barranin ta' l-Ewropa, u li għalhekk qatt ma sata' jirnexxilha ssawwar għal kollox dak li jien insejjaħlu "patrimonju leġittimu ta' koltura u tradizzjoni wiesgħa" u wisq anqas ma tiksb dak li dejjem jew kważi dejjem kellhom nazzjonijiet oħra kbar u qawwija tad-dinja, irrid infisser jiena "indipendenza nazzjonali"—m'hu ta' min iqabbilha ma' l-ebda nazzjon ieħor kbir bħalma hi l-Ingilterra, l-Italja, Franza, il-Ġermanja jew ir-Russja u lanqas għalhekk ma għandu jipprova jew joħlom xi darba jqabbel lill-poeti tagħna ma' l-aħjar poeti ta' nazzjonijiet kbar bħal dawn.

U mbagħad għax għandu wieħed jistenna li l-poeti tagħna jkollhom huma wkoll xi *skola* tagħhom bħalma kienet, ngħidu aħna, dik ta' *panteiżmu* ta' P. B. Shelley, dik ta' *pessimiżmu* ta' Giacomo Leopardi, dik ta' *romantiċiżmu* ta' Victor Hugo, jew dik ta' *mistiċiżmu* mwaqqfa minn San Franġisk t'Assisi u San Juan de la Cruz u aktar tard żviluppata u mirquma b'metri ġodda u versi mill-ogħna mill-poeta Kattoliku Ingliż Francis Thompson? (9).

---

*(8) Hemm kobor u kobor. Bħalma fil-kefef tal-miżien nistgħu nqiegħdu oġġetti li għalkemm ta' natura diversa jkunu jiżnu ndaqs hekk ukoll kittieba ta' nazzjonijiet diversi jkunu jistgħu jiżnu ndaqs fil-kefef tal-kritiku għalkemm it-temperament u l-ambjent ta' pajjiżhom ma jkunux xorta. Arġa' aqra nota (3) paġna 28.*

*(9) Lil min qed issir dil-mistoqsija? ma nafx li tħaddit fuq skejjel ta' poeżija.*

ferroviji u minghajr fabbriki kbar bħal dawk li jgawdu nazzjonijiet oħra tad-dinja, Malta, dil-gżira, dil-ħolqa, din it-tikka ġeografika mitlufa fid-xmajjar, minghajr bliet kbar bħal Londra, Pariġi u New York, minghajr Malta, gżira eċċezzjonali b'poplu eċċezzjonali, bla muntanji u bla dagħbien tal-Mediterran—baħar li jaf il-ħila u l-qlubija fit-taqbid ta' kapitani kbar bħal Alessandro, Cesare u Napuljun; baħar li għadu u jibqa' l-aqwa xhud tat-taqbida ħarxa bejn in-Nisrani u l-Mislem; baħar li ilmijietu ħammru bid-dmija tal-Goti u tal-Vàndali, tal-Għarab u tan-Normanni—Malta, ta' medda mill-iżgħar u ta' firxa mill-idjaq, minghajr riżorsi naturali u għalhekk ta' setgħat industrijali u kummerċjali limitati għal darba, u la qatt setgħet u lanqas qatt tista' tagħti wlied ta' mentalità hekk għanja u ta' intellettwalità hekk kbira u għalliela bħalma dejjem taw u dejjem jibqgħu jagħtu nazzjonijiet oħra li magħhom Malta ma taqbel xejn f'xejn! (10).

Ammess bil-quddiem dan il-*verum ipsum factum*, jibqagħlu issa wieħed jammetti l-korollarji tiegħu, jiġifieri l-prinċipji filosofiċi proverbjali: "skond is-siġra l-frott"; "il-fula bint il-miżwed"; "*ignoti nulla cupido*"; "*nemo dat quod non habet*"; eċċ., biex jasal għall-konklużjoni prattika u naturali li l-kittieba u l-poeti Maltin ma jistgħux ma jkunux ftit jew wisq *limitati* f'dik li hi medda ta' ħsibijiet u ta' idijat, kif ukoll f'dawk li huma tqanqiliet u emozzjonijiet tal-qalb, "motivi intellettwali jew dwal ta' intwizzjonijiet u assoċjazzjonijiet."

Dwar dawk li l Professur Aquilina sejjaħ "simpatiji mhux biss nazzjonali imma wkoll 'internazzjonali', biex b'hekk il-qarrejja barranin (għandu mnejn ried jalludi għal tużżana Orjentalisti li mhumiex ħlief fula f'qargħa) jibdew isibu x'jitgħal'mu u xi jħobbu fil-letteratura Maltija," ħ'l dan il-Professur għaqli u ħabib sinċier tiegħi ma nixtieqx ngħidlu ħaġ'oħra ħlief nitolbu jarġa' jdur dawra t-tlittax-il paragrafu ta' dan l-artiklu. Dwar is-sejħa mħeġġa li jagħmel imbagħad lil Ġorġ Pisani biex dan jissokta "jferrex l-egħruq tal-personalità tiegħu sabiħa iżjed 'l isfel fil-ħamrija tal-letteratura Maltija, u bħalma jagħmlu s-siġar il-kbar, imidd għeruqu ibgħad ħafna mid-dawra tal-Gżira żgħira fejn ħawlu t-twelid", lill-Professur Aquilina jisgħobbija nisqarrlu ċar u tond li din il-ħaġa għal Pisani u għal kemm-il poeta ieħor liriku Malti hi aktar minn impossibbli. (11).

Nerġa ntenni: il-frażi *limitat ħafna* għal Pisani u għall-poeti l-oħra sħabu, il-Professur, fil-fehma dgħajfa tiegħi, sata', anzi kellu, jħalliha barra għal kollox. Raġunijiet dwar għax il-għaref Professur *sata'* jew *kellu* jagħmel dan ,tajt, jekk mhux biżżejjed, ħafna u, fost il-ħafna, xi ftit aktarx konvinċenti biżżejjed.

Pisani, bħala poeta liriku, tana poeżija lirika kbira biżżejjed għal Malta Maltija. Pisani, bħala poeta storiku, anzi pre-istoriku, kiseb isem li ma jmut qatt bil-poeżiji tassew sbieħ ,qawwijin, oriġinali u patrijottiċi tiegħu: *F'Ħaġar Qim*, *Il-Ġgantija t'Għawdex*, *Għar Dalam*, *Quddiem il-Ġgant tal-Palazz*, *Il-Kastell t'Għawdex*, *Kemmuna* u *Taħt l-*

*(10) Dal-kliem kollu biex tiġġustifika n-nuqqas ta' interessi serji intellettwali soċjali?*

*(11) Xejn minn dan kollu! Fejn hemm rieda tajba u kultura hemm il-ħamrija fejn jista' jikber u jifrex għeruqu l-ġenju ta' l-artista.*

*Arloġġ il-Qadim tal-Kastell ta' Għawdex.* Pisani, bħala poeta nazzjonali, nista' ngħid li għaġġibna (għaġġeb, ma għandniex xi ngħidu, lli u lil kull min bħali jħobb u jgħożż il-kobor ta' ċokon Artna u l-għaġeb u s-seħer u l-ħlewwa ta' Lsienna mirakuluż) aktar milli bis-sunett kolossali tiegħu *Lil Mikiel Anton Vassalli*, bl-aħħar vers ta' għ luq l-istess sunett— *Malta fil-Lsien u l-Qalb, Malta Maltija*, li għalina sar mhux biss proverbju imma wkoll, kif osserva bl-akbar għaqal il-Professur Aquilina, l-att tal fidi tal-*Qawmien Malti*. Bħal dan is-sunett, Pisani għandu wkoll oħrajn ,ta' prieġju mhux iżgħar u ta' mertu mhux orħos, bħalma huma: *Lill-Ilsien Malti*, *Lill-Kanarin Tiegħi*, *Għawdex* u *Ir-Rebħa ta' Settembru*. Pisani fl-aħħarnett, bħala poeta politiku, ma nafx s'issa min sebqu jew min għad qatt jasal biex jisbqu għall-versi tassew milquta u mimlija tiegħu *Fil-Laqgħa ta' Hitler u Mussolini f'Ruma*, *Kżekoslovakja*, *Fuq it-Telfa ta' l-Indipendenza ta' l-Awstrija*, *Oh Roma Serva!* *Lin-Naziżmu* u *Lid-Demokrazija*.

Ġorġ Pisani hu tabilħaqq poeta mżewwaq u mimli, poeta li firex ġwinħajh fuq għadd ta' suġġetti mhux biss varji imma wkoll ta' interess mill-akbar .L-imħabba tiegħu kif imfissra fi vrusu hi mhux biss safja imma saħansitra kważi mistika. Għal dik li hi sengħa u teknika tal-vers, lil Ġorġ Pisani jkun qiegħed ifittixlu x-xagħra fil-għaġina min jaħlom jew jasal biex ilumu mqar ħarira. Ġorġ Pisani jibqa' dejjem wieħed mill-ogħla poeti nazzjonali tagħna .Dik li jissokta jew ma jissoktax iħażżeż u jagħtina versi iżjed minn tiegħu hi ħaġa aktar milli sekondarja. Il-Professur Aquilina għoġbu jqabbilna lil Pisani (biex aħna naraw kemm dan Pisani hu *limitat*) ma' Shelley u Keats, Leopardi u Carducci. Ma setax qabbilulna ma' Charles Wolfe jew Aleardo Aleardi biex naraw kemm Pisani, fid-djieq tal-limiti tiegħu, hu tassew poeta kbir li jagħmel lil Malta ġieh daqskemm għamel fi żmienu lill-Ingilterra ta' l-ewwel u lill-Italja tat-tieni?

7-XII-45. K. VASSALLO.